MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 1000/2009

Dottor Justin Agius (Id. 351262M) flimkien ma martu Albertina siva Tina Agius (Id. 189366M).

Vs

Ann Marie Ciantar (ID. 42541A).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi qedin jitolbu l-hlas minghand il-konvenuta tas-somma ta’ elfejn u erba mitt ewro (€2400.00), rapprezentanti arretrati ta’ kera ghax-xhur ta’ Lulju u Awissu tal-2009, dwar kuntratt ta’ lokazzjoni llum mitmum, fuq fond li jinsab f’numru 18, Sqaq il-Warda, Gharghur. Bl-ispejjes tal-prezenti u tal-ittra interpellatorja datata 9 ta’ Ottubru 2009, u bl-imghax mid-data ta’ l-Avviz sad-data tal-pagament effettiv bl-oghla rata skond il-ligi, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenuta thallashom is-somma ta' elfejn u erba mitt ewro (€2400.00), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------